# AVVIŻI - 17 TA' APRIL 2011

- ***Pageant***

**(Is-Sibt) Illejla fit-8.15.pm. issir preżentazzjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu fuq iz-Zuntier fit-8.15.pm. mill-Pageant Group tal-Parroċċa ta' Bormla.**

- ***Festa ta' Ħadd il-Palm***

**(Il-Ħadd) Illum fid-9.00.am. toħroġ il-Purċissjoni għall-Qasam tal-Mużew Subien fejn tibda il-Funzjoni prinċipali tal-Festa ta' Ħadd il-Palm.**

- ***Via Sagra***

**Nhar it-Tlieta fil-Ġnien ta' quddiem il-Knisja se ssir il-Via Sagra fis-7.00.pm. organiżżata mill-Kummissjoni tal-Liturgija. Il-Via Sagra isservina bħala mument ta' riflessjoni fuq it-tbajtija li bata Sidna Ġesu Kristu għat-tpattija ta' dnubietna.**

- ***Festa ta' Ħamis ix-Xirka***

**Nhar il-Ħamis, il-Knisja Kattolika tiċċelebra il-Festa ta' Ħamis ix-Xirka u it-twaqqif ta' l-Ewkaristija u is-Saċerdozju. Il-Knisja filgħodu ma tiftaħx. Inħajru lil kull min jista jmur fil-KonKatidral ta' San Ġwann fejn Mons Arċisqof flimkien mal-Qassisin jiċċelebra il-Quddiesa u it-tberik taż-żjut li jintużaw għas-Sagramenti.**

**Fl-4.30.pm. issir il-Quddiesa għat-tfal u il-Funzjoni prinċipali ta' Ħamis ix-Xirka u l-Ħasil tar-riġlejn tibda fis-6.30.pm. Wara il-Quddiesa jitqiegħed is-Sagrament għall-Adorazzjoni fil-post imħejji apposta u il-Knisja tibqa miftuħa sa nofs il-lejl.**

- ***Il-Ġimgħa 'l-Kbira***

**Il-Knisja tiftaħ fis-7.00.am.**

**Fis-7.15.am. tibda l-Adorazzjoni organiżżata mill-Grupp Anzjani.**

**Fit-8.00.am. jingħad il-Laudi mill-Qassisin.**

**Fl-10.00.am. issir Adorazzjoni mill-membri tal-Mużew.**

**Fil-11.00.am. mil-grupp taż-Żgħażagħ ta' l-M.T.G. sa nofs inhar.**

**Il-Knisja tiftaħ fis-2.00.pm. u fit-3.00.pm. tibda il-Funzjoni prinċipali tal-Ġimgħa 'l-Kbira.**

***Nhar il-Ġimgħa hemm l-obbligu tas-Sawm u Astinenza.***

- ***Sibt u Ħadd il-Għid***

**Nhar is-Sibt il-Knisja tiftaħ fl-4.30.pm. għal Qrar u il-Funzjoni prinċipali tibda fit-8.00.pm. u li fiha issir il-Magħmudija tat-trabi. Nhar il-Ħadd li ġej wara il-Quddiesa tad-9.15.am. jitbierku il-Figolli fuq iz-Zuntier.**

- ***Attivitajiet Soċjali***

**Bħalissa fis-Sala San Ġwakkin qed tittella Wirja tal-Passjoni mill-Membri tal-Każin tal-Banda.**

**Nhar it-Tlieta iż-Żgħażagħ ta' l-M.T.G. se jorganiżżaw l-Ikla tal-Lhud fis-Sala Sant' Anna.**

==============================